

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-opportunitajiet u l-isfidi għal settur Ewropew tax-xogħol fl-injam u tal-għamara iktar kompetittiv” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2012/C 24/04)

Relatur: **is-Sur ZBOŘIL**

Korelatur: **is-Sur PESCI**

Nhar it-20 ta' Jannar 2011, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

L-opportunitajiet u l-isfidi għal settur Ewropew tax-xogħol fl-injam u tal-għamara iktar kompetittiv

(opinjoni fuq inizjattiva proprja).

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Settembru 2011. Ir-relatur kien is-Sur ZBOŘIL u l-korelatur kien is-Sur PESCI.

Matul l-475 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2011 (seduta tas-26 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'120 vot favur, vot wieħed kontra u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Is-settur Ewropew tax-xogħol fl-injam u tal-għamara (inkluża l-industrija tal-polpa u tal-karta) juża prinċipalment materja prima rinnovabbli naturali, jiġifieri l-injam, u għandu rwol essenzjali fl-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika. Il-KESE osserva li, b'xorti ħażina, bħalissa hemm xi inkonsistenzi ta' importanza kbira f'ċerti partijiet ta' wħud mill-politiki u l-inizjattivi tal-UE li qed ikollhom impatt qawwi fuq il-kompetittività u l-profittabbiltà tal-industriji relatati mal-forestrija.

1.2 Is-settur qed jiffaċċja kompetizzjoni dejjem tikber għall-injam mis-settur tal-enerġija rinnovabbli, minħabba sussidji u miżuri oħra li jipromovu l-użu tal-bijomassa (l-injam huwa wieħed mill-karburanti prinċipali li jintużaw għall-produzzjoni tal-enerġija tal-bijomassa). Hemm ukoll diffikultajiet li jikkonċernaw l-investimenti, ir-riċerka, it-taħriġ, il-modi ta' kif il-ħaddiema żgħażaġh jinġibdu lejn is-settur u r-restrizzjonijiet amministrattivi relatati mal-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, is-settur tal-għamara qed jiffaċċja żieda drammatika fil-prezz tal-materja prima, bħall-ġilda, il-plastik, il-fibri naturali u l-derivati taż-żejt.

1.3 Il-KESE jitlob li l-UE u l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod serju biex jaġġustaw u jiżviluppaw qafas leġislattiv li jkun jista' jagħti spinta lill-kompetittività u jtejjeb l-aċċess għall-provvista ta' materja prima għas-settur tax-xogħol fl-injam u tal-għamara u l-industrija tal-polpa u l-karta. Il-KESE jteni l-ħtieġa għal studju dettaljat dwar il-problemi relatati mal-provvista ta' materja prima magħmula mill-injam għal industriji bbażati fuq il-forestrija u għas-settur tal-enerġija rinnovabbli (il-bijomassa).

1.3.1 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-industrija tal-foresti/injam bil-għan li jitressqu miżuri adatti u speċifiċi li jindirizzaw dawn il-problemi. Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, il-Kumitat jissuġġerixxi li jitwaqqaf grupp ta' esperti informali u newtrali fil-livell interistituzzjonali – li jkollu rabtiet ukoll mal-partijiet interessati rilevanti – dwar “l-injam bħala materja prima sostenibbli”. Naturalment, is-CCMI hija interessata tagħmel parti minn dan il-korp.

1.4 L-istudju Ewropew “EUwood”⁽¹⁾ juri li l-konsum tal-injam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija huwa mistenni jizjed minn 346 miljun metru kubu solidu fl-2010 (3,1 EJ) għal 573 miljun metru kubu (5 EJ) fl-2020 u jista' jilħaq is-752 miljun metru kubu fl-2030 (6,6 EJ). Dawn ir-riżultati huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li s-sehem tal-injam fl-enerġija minn sorsi rinnovabbli ser jonqos – minn 50 % fl-2008 għal 40 % fl-2020. Huwa mistenni defiċit ta' 200 miljun m³ ta' injam sal-2025 u 300 miljun m³ sal-2030.

1.5 Il-KESE jitlob li l-injam jiġi inkluż, bħala materja prima prinċipali, fis-Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea dwar il-materja prima, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-KE dwar il-materja prima. F'dan il-kuntest, jistgħu jiġu studjati b'mod partikolari l-opportunitajiet għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

1.6 Il-politiki tal-UE relatati mal-forestrija għandhom jappoġġjaw il-ġestjoni attiva tal-foresti; b'mod partikolari, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea tippromovi l-kultivazzjoni ta' “injam ta' newba qasira għall-produzzjoni tal-enerġija”. Għandhom jiġu studjati wkoll miżuri biex jiġi żgurati li l-injam li huwa adatt għal użijiet industrijali ma jintużax għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

⁽¹⁾ Sors: studju Ewropew “Real potential for changes in growth and use of EU forests. EUwood” (Potenzjal reali għat-tidbil fit-tkabbir u l-użu tal-foresti fl-UE. EUwood). Paġna 45, Kapitolu 3.5: Future demand for wood energy (It-talba futura għall-enerġija mill-injam): “... Wood consumption for energy generation is expected to grow from 346 million m³ in 2010 (3.1 EJ) to 573 million m³ (5 EJ) in 2020 and might reach 752 million m³ in 2030 (6.6 EJ). These results are based on the assumption that wood energy decreases its share in energy from renewable sources from 50 % in 2008 to 40 % in 2020.” (Il-konsum tal-injam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija hu mistenni jizjed minn 346 miljun m³ fl-2010 (3,1 EJ) għal 573 miljun m³ (5 EJ) fl-2020, u jista' jilhaq is-752 miljun m³ fl-2030 (6,6 EJ). Dawn ir-riżultati huma bbażati fuq l-ipoteżi li l-enerġija mill-injam tnaqqas is-sehem tagħha fl-enerġija mis-sorsi rinnovabbli minn 50 % fl-2008 għal 40 % fl-2020.”

1.7 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għall-promozzjoni attiva tal-bini ekoloġiku li juża strutturi u proċessi li jirrispettaw l-ambjent u li jkunu effiċjenti fl-użu tar-riżorsi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Għal dan il-għan, ikun utli li l-KESE jappoġġja avveniment annwali – bħal workshop – li jixħet dawl fuq bini u disinn sostenibbli, u għandu jkun hemm rabtiet mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni.

1.8 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Antonio Tajani, li jiġi introdott "test tal-kompetittività" qabel ma jiġi ffirmat ftehim ta' sħubija kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi oħra. Barra minn hekk, jaqbel li hemm bżonn li jiġu vvalutati l-effetti tal-inizjattivi ta' politika l-oħra kollha (bħall-politiki tal-enerġija, il-kummerċ, l-ambjent u dawk soċjali u relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur) fuq il-kompetittività industrijali qabel ma jiġu implimentati.

1.9 Sabiex iżid il-produttività tiegħu u jkun minn ta' quddiem meta mqabbel mal-kompetituri, is-settur jeħtieġ ħaddiema mħarrġa fl-aktar ħiliet u teknoloġiji reċenti. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon kemm l-approċċ proattiv tal-industrija lejn il-protezzjoni tal-ħaddiema milli jkunu esposti għal aġenti ta' ħsara fuq il-post tax-xogħol kif ukoll l-impenn serju tas-settur fl-iżgurar tas-sigurtà tal-karriera u l-impjieg, fiż-żamma tas-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema, fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi u fil-ksib ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

1.10 Huwa evidenti li s-suċċess miksub fl-aċċettazzjoni fil-livell tal-UE ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fis-settur tax-xogħol fl-injam u tal-għamara ma tantx kien kbir s'issa. Sabiex jiġi pprovdut appoġġ aqwa għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Z) fl-industriji Ewropej tax-xogħol fl-injam u tal-għamara, il-programmi futuri se jkollhom jikkunsidraw b'mod speċjali d-diffikultajiet u l-bżonnijiet speċifiċi tal-SMEs.

1.11 Il-KESE jfakkar l-importanza ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-industrija u l-istituzzjonijiet tal-UE/tal-gvern fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' privattiva Ewropea fil-qasam tal-istandards u jitlob li tinħoloq "skeda tal-prodott" ("product sheet") għall-prodotti tal-għamara. L-iżvilupp ta' teknoloġiji biex tiġi ffaċilitata l-awtentikazzjoni għandu wkoll jgħin b'mod sostanzjali. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tħabrek biex issaħħaħ il-kapaċità tad-dwana nazzjonali, u li jiġi organizzat "Jum Ewropew/Nazzjonali Kontra l-Falsifikazzjoni".

2. L-industriji tax-xogħol fl-injam u tal-għamara fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁾

2.1 L-industriji tax-xogħol fl-injam u tal-għamara huma settur vitali, sostenibbli, innovattiv u favur l-ambjent, b'fatturat (turnover) ta' madwar EUR 221 biljun fl-2008 u rata ta' impjieg ta' 2,4 miljun persuna fiktur minn 365 000 kumpanija, li l-maġġoranza vasta tagħhom huma SMEs. L-industrija tal-għamara tiġġenera kważi nofs dan il-fatturat, segwita mill-produzzjoni tal-elementi tal-kostruzzjoni (19,3%), l-isserrar tal-injam (13,9%) u l-produzzjoni tal-pannelli (9,2%). Il-kriżi finanzjarja u ekonomika ġenerali kellha impatt kbir fuq is-settur

kollu kemm hu, bi tnaqqis fil-fatturat b'iktar minn 20% mill-2008 sal-2009. L-industrija tal-polpa u l-karta fl-Ewropa hija l-parti l-oħra tal-industriji relatati mal-forestrija: għandha fatturat annwali ta' EUR 71 biljun u tipproduċi 36 miljun tunnellata ta' polpa u 89 miljun tunnellata ta' karta.

2.2 F'termini ta' impjieg, l-industrija tal-għamara tiġġenera 51% tal-impjieg fis-settur. L-Italja timpjega l-ogħla numru ta' nies, bi 363 000 impjieg fis-settur, segwita mill-Polonja, il-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit. Fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE, għadd partikolarment kbir ta' nies huma impjegati fis-settur: minn fost in-nies kollha b'impjieg, 34% jaħdmu fl-industrija tax-xogħol fl-injam. L-impjieg fis-settur tax-xogħol fl-injam u tal-għamara sikwit ikunu f'żoni mbiegħda jew inqas industrijalizzati jew żviluppati u, għaldaqstant, jagħtu kontribut importanti lill-ekonomija rurali. L-industrija tal-polpa u l-karta tipprovdi 235 000 impjieg dirett u miljun impjieg indirett. 60% tal-impjieg kollha jinsabu fiż-żoni rurali.

2.3 Billi s-settur prinċipalment juża materja prima rinno-vabbli naturali, jiġifieri l-injam, u ġie ppruvat li ta riżultati tajbin fil-qasam tas-sostenibbiltà, is-settur qiegħed fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika, wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE għall-futur. L-industrija tal-polpa u l-karta wkoll għandha kredenzjali ambjentali eċċellenti. Rigward il-materja prima, nofs il-fibri użati biex issir il-karta huma riċiklati. In-nofs l-ieħor jagħti xhieda ta' użu għaqli tar-riżorsi: 20 – 30% ta' dawn il-fibri jibdeu bħala residwi minn industriji oħrajn, 40 – 60% mill-qtugħ mill-forestrija u 20 – 30% biss mill-qtugħ finali tas-siġar.

2.4 B'xorti ħażina, bħalissa hemm xi inkonsistenzi f'ċerti partijiet ta' wħud mill-politiki u l-inizjattivi tal-UE li qed ikollhom impatt qawwi fuq il-kompetittività u l-profitabbiltà tas-settur. Is-settur Ewropew tax-xogħol fl-injam u tal-għamara qed jiffaċċja kompetizzjoni dejjem tikber għall-injam mis-settur tal-enerġija rinnovabbli, minħabba sussidji u miżuri oħra li jipromovu l-użu tal-bijomassa (l-injam huwa wieħed mill-karburanti prinċipali għall-produzzjoni tal-enerġija tal-bijomassa). Hemm ukoll diffikultajiet li jikkonċernaw l-investimenti, ir-riċerka, it-taħriġ, il-modi ta' kif il-ħaddiema żgħażagħ jinġibdu lejn is-settur u r-restrizzjonijiet amministrattivi relatati mal-akkwist pubbliku. Restrizzjonijiet amministrattivi relatati mal-akkwist pubbliku jagħmlu iżjed pressjoni fuq is-settur.

2.5 Is-settur qed jiffaċċja kompetizzjoni dejjem tikber minn ekonomiji emerġenti u bi prezzijiet baxxi u minn numru dejjem jikber ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ. Barra minn hekk, is-settur tal-għamara mhux biss qed jiffaċċja diffikultajiet biex jaċċessa l-injam bħala materja prima, iżda wkoll żieda drammatika fil-prezz tal-materjali bħall-ġilda, il-plastik, il-fibri naturali u d-derivati taż-żejt.

2.6 Mingħajr impenn serju mill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġi żvilupp qafas leġislattiv li jkun jista' jagħti spinta lill-kompetittività u jiżgura provvista ta' materja prima għas-settur tax-xogħol fl-injam u tal-għamara, il-futur tas-settur kollu se jibqa' dubbjuż.

(²) Sors tad-data: Rapport Annwali 2009-2010 tal-European Panel Federation (EPF).

3. L-effetti tal-leġislazzjoni Ewropea dwar l-enerġija rinnovabbli fuq id-domanda għall-injam

3.1 Il-KESE jesprimi tħassib serju rigward l-impatt li l-Pakkett dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija tal-Kummissjoni ser ikollu fuq l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fuq id-disponibbiltà ġenerali tal-injam, li huwa l-materja prima tal-industrija. Il-KESE huwa diżappuntat li l-użu ta' jiġu ssodisfati l-impenji fir-rigward tal-klima, wassal għal sitwazzjoni fejn sar iktar vantaġġjuż li l-injam jinħaraq direttament minflok ma jintuża għall-prodotti. Dan kellu impatt serju fuq il-provvista tal-injam lill-kumpaniji tax-xogħol fl-injam u fuq il-kompetittività u l-kapaċità għall-profit globali tagħhom.

3.2 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea twestaq studju dettaljat dwar il-problemi relatati mal-provvista ta' materja prima magħmula mill-injam għall-industrija bbażati fuq il-forestrija u għas-settur tal-enerġija rinnovabbli (il-bijomassa). Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-industrija tal-forestrija/injam biex jiġu proposti miżuri adegwati u speċifiċi bil-għan li jiġu indirizzati dawn il-problemi. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, il-Kumitat jissuġġerixxi li jitwaqqaf grupp ta' esperti informali u newtrali fil-livell interistituzzjonali – li jkollu rabtiet ukoll mal-partijiet interessati rilevanti – dwar “l-injam bħala materja prima sostenibbli”. Naturalment, is-CCMI hija interessata tagħmel parti minn dan il-korp.

3.3 Il-KESE jappoġġja t-talba tal-industrija tal-injam u tal-karta għal approċċ bilanċjat lejn l-użu tal-enerġija tal-bijomassa mill-injam sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq fir-rigward tad-disponibbiltà u l-prezz ta' materja prima relatata mal-forestrija għall-industrija tal-manifattura. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-fatt li bosta kumpaniji tal-pannelli kienu mġiegħla jnaqqsu l-kapaċità tagħhom bejn Ġunju 2009 u Ġunju 2011 – mhux għal raġunijiet finanzjarji jew teknoloġiċi iżda pjuttost minħabba n-nuqqas ta' materja prima disponibbli.

3.4 Għalkemm il-bijomassa mill-injam għandha, bil-bosta, l-ogħla densità ta' enerġija (bijomassa) (fluss ta' enerġija f'watts għal kull metru kwadru), ta' min josserva li din għadha baxxa ħafna (0,6 W/m²) u, pereżempju, impjant tal-enerġija li jaħdem bl-injam b'kapaċità installata ta' 1 GW, b'fattur tal-kapaċità ta' 70 % u b'effiċjenza tal-konverżjoni ta' 35 % ikun jeħtieġ hsd annwali ta' madwar 330 000 ettaru ta' pjantaġġuni kultivati, l-ewkivalenti ta' medda art ta' kważi 58 km bi 58 km⁽³⁾. Biex jintlaħqu l-miri rinnovabbli Ewropej bis-sehem mistenni tal-bijomassa, ikunu meħtieġa bejn 340 u 420 miljun metru kubu solidu ta' bijomassa mill-injam.

3.5 Fir-rigward tal-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (SER) u l-bijomassa, il-KESE jqis li l-prinċipji li ġejjin huma essenzjali:

— L-Istati Membri għandhom jivvalutaw, fil-pjani ta' azzjoni tagħhom dwar is-SER, l-ammont ta' bijomassa mill-injam

⁽³⁾ Vaclav Smil: Power Density Primer – Understanding the Spatial Dimension of the Unfolding Transformation to Renewable Electricity Generation, Meju, 2010.

fil-pajjiż jew ir-reġjun li huwa evidentement disponibbli għall-użu enerġetiku u l-volumi li l-industrija tax-xogħol fl-injam diġa tuża bħala materja prima qabel ma jiġu implimentati miżuri għall-promozzjoni tal-użu tas-SER;

— Sabiex jerġa' jinstab bilanċ naturali bejn l-użu materjali tal-injam u l-użu enerġetiku tal-bijomassa, għandhom jiġu evitati s-sussidji għall-ħruq dirett tal-injam;

— Għandhom jiġu implimentati metodi adegwati biex jiġi żgurat l-aqwa livell ta' rkupru u riċiklaġġ tal-iskart mill-injam u r-residwi tal-produzzjoni;

— Il-promozzjoni tal-użu tal-prinċipju ta' użu kaskat (cascaded use) (manifattura tal-prodotti, użu mill-ġdid, tiswija u riċiklaġġ, valorizzazzjoni tal-kontenut tal-enerġija);

— L-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali għandhom jippromovu miżuri biex tiżdied il-mobilizzazzjoni tal-injam mill-foresti u minn sorsi oħra⁽⁴⁾ u għandu jingħata appoġġ lill-forestrija ta' newba qasira għall-produzzjoni tal-bijomassa tal-enerġija.

3.6 Mill-perspettiva ekonomika, il-valur miżjud fl-industrija tal-prodotti tal-injam jiġi kkalkulat li huwa EUR 1 044 għal kull tunnellata ta' injam niexef u EUR 118 għal kull tunnellata ta' injam użat bħala bijoenerġija. F'termini ta' impjeg, l-industrija tal-prodotti tal-injam tiġġenera 54 siegħa xogħol għal kull tunnellata ta' injam niexef, meta mqabbla ma' sagħtejn xogħol biss fis-settur tal-bioenerġija⁽⁵⁾. Fir-rigward taċ-ċiklu tal-karbonju, l-industrija tal-prodotti bbażati fuq l-injam għaldaqstant toffri ħafna iktar benefiċċji f'termini ta' impjeg u valur miżjud minn dawk li joffri l-ħruq dirett tal-injam.

3.7 Is-settur tax-xogħol fl-injam ilu jikkontribwixxi għall-użu tal-enerġija sostenibbli u għar-riżorsi naturali għal diversi għexieren ta' snin, billi kien pijunier fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Dan huwa kontribut vitali ieħor għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

3.8 Barra minn hekk, ġiet iffrankata ħafna enerġija permezz tal-investiment f'taġġmir u proċessi moderni u bil-ġenerazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-enerġija meħtieġa għall-proċessi tax-xogħol fl-injam industrijali mill-bijomassa mill-injam li ma tkunx adegwata għar-riċiklaġġ. Sa 75 % tal-enerġija użata għall-manifattura tal-prodotti tal-injam tiġi prodotta mir-residwi tal-injam u mill-injam irkuprat. Is-settur itejjeb ukoll b'mod kontinwu r-rati ta' riċiklaġġ tal-injam permezz ta' investimenti konsiderevoli fit-teknoloġiji innovattivi.

⁽⁴⁾ “Mobilisation and efficient use of wood and wood residues for energy generation” (Il-mobilizzazzjoni u l-użu effiċjenti tal-injam u tar-residwi mill-injam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija). Rapport lill-Kumitat Permanenti għall-Forestrija mill-Grupp ta' Ħidma II ad hoc tal-Kumitat Permanenti għall-Forestrija dwar il-mobilizzazzjoni u l-użu effiċjenti tal-injam u tar-residwi mill-injam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

⁽⁵⁾ Tackle Climate Change: Use Wood. (Nindirizzaw it-tibdil fil-klima: Nużaw l-injam). Pubblikazzjoni tas-CEI-Bois, Novembru 2006.

3.9 L-injam huwa riżorsa limitata u l-industrija tax-xogħol fl-injam timpenja ruħha li tużah bl-iżjed mod effiċjenti possibbli. F'dawn l-aħħar għoxrin sena, is-settur żviluppa netwerks loġistiċi għall-ġbir u l-irkuprar ta' injam riċiklat. Iżda, il-KESE jirrikonoxxi li f'għadd ta' Stati Membri jintremew riżorsi siewja ħafna ta' injam, u dan imur kontra l-għanijiet tad-Direttiva Ewropea **dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (1999/31/KE)**. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li din id-direttiva tiġi implimentata kif suppost bil-għan li jiġi żgurati li s-sorsi tal-injam adatti għal użijiet ta' enerġija industrijali jew rinnovabbli ma jinħlewx.

4. L-injam bħala soluzzjoni multifunzjonali eċċellenti għall-iffrankar tal-enerġija fil-bini

4.1 L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija hija waħda mill-elementi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020 tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija tikkostitwixxi wieħed "mill-mezzi l-aktar kosteffettivi għat-titjib fis-sigurtà tal-forniment tal-enerġija, u għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi oħrajn li jniġġsu ⁽⁶⁾".

4.2 Il-bini huwa responsabbli għal 40 % tal-konsum tal-enerġija u għal 36 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-UE. Il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini hija fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE fil-qasam tal-klima u tal-enerġija fuq perjodu ta' żmien qasir u anke twil.

4.3 L-injam bħala materjal ta' kostruzzjoni jista' jipprovdi soluzzjoni biex titjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini b'mod kosteffettiv; bosta studji xjentifiċi internazzjonali sabu li l-bini bi struttura tal-injam jinvolvi inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn dak bi struttura tal-azzar u tal-konkrit (26 % u 31 % rispettivament). Barra minn hekk, fis-settur residenzjali, id-djar bi struttura tal-azzar u tal-konkrit jikkunsmaw 17 % u 16 % iktar enerġija inkorporata (enerġija totali tul iċ-ċiklu tal-ħajja) u jirrilaxxaw 14 % u 23 % iktar kontaminanti tal-ajra minn djar bi struttura tal-injam. Għaldaqstant, is-settur jista' jaqdi rwol ewleni biex jappoġġja l-miri tal-Pjan Direzzjonali għall-2050 tal-KE li sal-2050 l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jtnaqqsu bi 80 %.

4.4 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għall-promozzjoni tal-bini ekoloġiku li juża strutturi u proċessi li jirrispettaw l-ambjent u li huma effiċjenti fir-riżorsi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom: tul l-istadji ta' disinn, kostruzzjoni, operat, manutenzjoni, ristrutturatur u twaqqigħ. Għandu jiġi promoss l-użu ta' approċċ ta' Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA – Life Cycle Assessment) biex jiġi identifikat il-materjal bl-inqas impatt fuq it-tisħin globali.

4.5 Il-KESE huwa diżappuntat dwar il-fatt li għad hemm barriera leġislattiva jew ostakli fir-rigward tal-perċezzjoni li qed ixekklu żieda fl-użu tal-injam u fil-prodotti bbażati fuq l-injam fil-bini residenzjali fl-UE. Għandhom jittieħdu inizjattivi ad hoc fil-livell nazzjonali bil-għan li jsaħħu l-għarfien tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tal-injam bħala materjal għall-bini. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet adegwati, mhux biss fl-industrija bbażati fuq l-injam, iżda wkoll fix-xogħlijiet relatati ewlenin (l-inġiniera tal-kostruzzjoni, il-periti, eċċ.) huwa wieħed mill-ostakli istituzzjonali sinifikanti għaż-żieda fl-użu tal-injam għall-bini.

⁽⁶⁾ Il-Pjan għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija 2011, COM(2011) 109 finali.

4.6 B'xorti ħażina, ir-rwol pożittiv tal-injam fid-djar mhux dejjem jiġi rikonoxxut għalkollox fl-iskemi ta' klassifikazzjoni tal-bini ekoloġiku li qed jiġu applikati attwalment. Fil-fatt, xi wħud minn dawn l-iskemi ħadmu kontra l-użu tal-injam. Għaldaqstant, il-KESE jitlob li jintużaw il-metodoloġiji tal-LCA – li huma ġeneralment aċċettati – li jirrikonoxxu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha tal-materjal tal-bini, inkluż il-ħżin tal-karbonju.

4.7 It-tħeġġiġ tal-użu tal-prodotti tal-injam jirrappreżenta l-iktar għażla ekoloġika: bl-użu tal-potenzjal sħiħ tal-injam (effetti ta' depożitu u sostituzzjoni tal-karbonju) fil-bini, l-Ewropa tista' tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ bi 300 miljun tunnellata (bejn 15 u 20 %) ⁽⁷⁾. Il-KESE jirrikonoxxi li, bl-użu tal-materjal tal-bini ekoloġiku, ikun possibbli li l-enerġija fil-bini tiġi ffrankata b'mod effettiv.

4.8 B'mod iżjed ġenerali, fir-rigward tad-dibattitu kontinwu dwar it-tibdil fil-klima u, b'mod partikolari, id-diskussjoni dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (land use, land use change and forestry (LULUCF)), il-KESE jistieden lill-awtoritajiet biex:

— jirrikonoxxu l-prodotti tal-injam bħala mħażen tal-karbonju ⁽⁸⁾.

— jippromovu l-użu ta' materjali li jservu ta' mħażen tal-karbonju u li għandhom "marki" iżjed baxxi tal-karbonju u ta' riżorsi oħra.

5. L-ekonomija globali: sfidi u opportunitajiet għall-industrija tax-xogħol fl-injam u tal-għamara

5.1 Illum il-ġurnata, id-distanza ġeografika m'għadhiex tipprovdi protezzjoni mill-kompetizzjoni.

5.2 Il-globalizzazzjoni affettwat l-industrija Ewropej tax-xogħol fl-injam u tal-għamara f'ħafna oqsma:

— Il-pressjoni tal-importazzjoni minn pajjiżi bi prezzijiet baxxi, b'mod partikolari fl-Asja, mhux biss għall-prodotti għall-konsumaturi bħall-għamara jew il-paviment tal-injam (parquet u laminati), iżda anke għall-plywood, fejn diġà ġie introdott dazju relatat mal-antidumping. Il-prezzijiet tal-plywood u tal-għamara jinsabu taħt pressjoni kbira ħafna minħabba l-kompetizzjoni, b'mod partikolari miċ-Ċina.

— L-esportazzjoni taz-zkuk maqtugħin (il-fagu, il-ballut, il-luq) lejn iċ-Ċina u mbaġħad lura lejn l-Ewropa bħala prodotti (nofshom) lesti. Skont id-dwana taċ-Ċina, it-total tal-importazzjonijiet ta' zkuk maqtugħin kien ta' 11-il miljun m³ fl-ewwel erba' xhur tal-2010, 24 % iktar mill-istess perjodu fl-2009. Fl-2009, il-valur tal-importazzjonijiet ta' prodotti tax-xogħol fl-injam fis-sens strett tal-kelma kien ta' EUR 7 biljun. Iċ-Ċina ilha għal bosta snin l-ikbar provveditur barrani ta' għamara tal-lil-UE. Mill-2008'1 hawn, 'il fuq minn 50 % tal-importazzjonijiet kollha fl-Ewropa huma miċ-Ċina. Attwalment, l-importazzjonijiet ta' għamara lejn l-Ewropa miċ-Ċina huma 46,9 % ogħla milli kienu fl-2005, iżda l-importazzjonijiet totali tal-għamara hum biss 12,6 % ogħla minn perspettiva ta' valur, liema fatt jenfasizza d-dominanza taċ-Ċina.

⁽⁷⁾ CEI-Bois: www.cei-bois.org

⁽⁸⁾ Dušan Vácha, TSU Internship, Harvested Wood Products, approaches, methodology, application, IPCC/NGGIP/IGES, Kanagawa, il-Ġappun, Meju 2011.

5.3 L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiżguraw l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd, kundizzjonijiet li taħtom kemm il-produtturi Ewropej kif ukoll il-kompetituri tagħhom ikunu suġġetti għall-istess regoli tas-suq. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Antonio Tajani, li jiġi introdott "test tal-kompetittività" qabel ma jiġu ffirmati ftehimiet ta' sħubija kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi. Fil-futur, il-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-pajjiżi li ma jagħmlux parti mill-UE għandhom isiru fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt li tkun twettqet qabel ma jitnedew in-negozjati. Barra minn hekk, il-KESE jaqbel li hemm b'żonn li jiġu vvalutati l-effetti tal-inizjattivi ta' politika l-oħra kollha (bħall-politiki tal-enerġija, il-kummerċ, l-ambjent u dawk soċjali u relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur) fuq il-kompetittività industrijali qabel ma jiġu implimentati.

5.4 Billi ħafna mill-effetti tal-globalizzazzjoni ma jstgħux jittaffew jew jiġu evitati, l-industriji Ewropej tax-xogħol fl-injam u tal-għamara se jkunu obbligati jagħmlu progress ikbar foqasma ġodda u innovattivi. Is-settur diġà ffoka fuq l-iżvilupp ta' vantaġġi kompetittivi, pereżempju:

- produzzjoni flessibbli li tippermetti li jinħolqu prodotti skont il-gosti tal-klijent;
- speċifikazzjonijiet ta' kwalità għolja u teknoloġija avanzata;
- disinn superjuri;
- żvilupp ta' valuri differenti mill-valur ibbażat fuq il-prezz (eż. il-branding, l-esperjenza tax-xiri);
- integrazzjoni tas-servizzi ta' qabel u wara l-bejgħ;
- distribuzzjoni rapida bi stokk minimu.

5.5 Għalhekk, l-industrija Ewropea hija ffukata fuq proċess ta' innovazzjoni "bla tmiem" f'termini ta' teknoloġija, funzjonalità u estetika. Prodotti speċjalizzati li jkunu oriġinali u innovattivi ħafna huma essenzjali biex nikkompetu mal-industrija Ċiniża, li issa tista' tipproduċi kull tip ta' prodott bi prezzijiet ħafna orħos mill-Ewropa.

6. L-aspetti soċjali

6.1 Is-settur tax-xogħol fl-injam u tal-għamara jinsab taħt pressjoni tremenda b'riżultat tad-diversi fatturi ta' stress esterni, inklużi l-globalizzazzjoni tas-swieq, rata iktar mgħaġġla tat-tibdil teknoloġiku u l-kriżi finanzjarja globali reċenti. Huwa fundamentali li l-istrategġiji tas-suq jerġgħu jiġu ffukati biex wieħed jibqa' kompetittiv u jibqa' jkun parti importanti tal-ekonomija Ewropea. B'mod partikolari, l-isfidi jinkludu l-pjani ta' rtirar, il-fatt li l-forza tax-xogħol għandha livell ta' edukazzjoni taħt il-medja u l-kapaċità li l-ħaddiema żgħażagħ jinġibdu lejn dan is-settur u jinżammu fi ħdanu u li jinbidlu r-rekwiżiti tal-ħiliet. L-iżvilupp demografiku tal-forza tax-xogħol fis-settur

għandu jiġi ssorveljat mill-qrib u għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju minn qabel sabiex is-settur ma jsibhiex diffiċli li jiżviluppa fil-ġejjieni.

6.2 Id-disponibbiltà ta' ħaddiema mħarrġa u speċjalizzati hija aspett kruċjali. Il-ħiliet speċifiċi meħtieġa fiċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-għamara jew tal-prodotti tal-injam jistgħu jiddeterminaw is-suċċess tal-prodott innifsu. It-taħriġ tal-ħaddiema għandu jkun ibbażat mhux biss fuq mudelli tradizzjonali iżda wkoll fuq il-ħtiġijiet il-ġodda tas-suq u l-iżvilupp teknoloġiku.

6.3 Attwalment, waħda mill-preokkupazzjonijiet speċifiċi għas-settur huwa t-tixjij tal-forza tax-xogħol fil-biċċa l-kbira tas-sottosetturi industrijali, u l-fatt li dan mhuwiex popolari mal-ħaddiema żgħażagħ. Is-settur jeħtieġ ħaddiema mħarrġa fl-aħħar ħiliet u teknoloġiji.

6.4 L-industrija qed taħdem mal-organizzazzjonijiet settorjali u mat-trejdjunjins tagħha⁽⁹⁾ biex tgħin sabiex tinstab soluzzjoni għal dawn il-problemi, billi tiffoka fuq in-nuqqas ta' ħiliet vokazzjonali u fuq il-ħtieġa li jinġibdu ħaddiema żgħażagħ lejn dan is-settur. Wieħed mill-fatturi ewlenin fl-asserzjoni mill-ġdid tal-kompetittività tas-settur huwa li jiġi żgurati li jkun hemm biżżejjed ħaddiema speċjalizzati li jissodisfaw id-domanda f'dan is-settur. Il-programmi mgħallma fil-kulleġġi tat-taħriġ għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol.

6.5 L-industrija qed taħdem ukoll biex tipproteġi lill-ħaddiema milli jiġu esposti għal aġenti ta' ħsara fuq il-post tax-xogħol permezz ta' proġetti tal-aqwa Prattiki dwar is-saħħa u s-sikurezza, liema proġetti huma appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proġetti "REF-Wood" u "Less Dust" huma l-aqwa eżempji tal-impenn tal-industrija tax-xogħol fl-injam biex jinħoloq ambjent tax-xogħol tajjeb għall-impjegati tagħha. Dawn l-inizjattivi tal-imsieħba soċjali Ewropej kienu maħsubin biex itejbu l-impjeg permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u għandhom iwasslu għal valutazzjoni tal-impatt u biex jiddefinixxu miżuri oħra bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-imsieħba soċjali. Is-setturi tax-xogħol fl-injam u tal-għamara jqisu bħala essenzjali l-iżgurar tas-sigurtà tal-karriera u tal-impjeg, iż-żamma tas-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi u l-ksib ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġja l-fatt li jeżistu karti soċjali dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem fil-livell tal-kumpaniji.

6.6 Huwa importanti li jiġi enfazzjat li dawn l-industriji għandhom potenzjal kbir biex jiżviluppaw impjegi ekoloġiċi fil-livell lokali, minħabba l-materja prima rinnovabbli u tal-konsum baxx tal-enerġija tal-industriji Ewropej tax-xogħol fl-injam u tal-għamara, biex ma nsemmux li spiss l-impjanti tagħhom ikunu jinsabu f'żoni rurali.

⁽⁹⁾ Ara pereżempju l-Pfleiderer AG Social Charta (PASOC), li kienet iffirmata fi Frankfurt am Main, il-Ġermanja, fit-30 ta' Novembru 2010. http://www.pasoc.innopas.eu/fileadmin/docs/documents/sozialcharta/EN_IFA-PAG.pdf

7. Ir-riċerka u l-innovazzjoni

7.1 Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-programmi Ewropej ta' R&Ż, is-settur tal-injam waqqaf il-Pjattaforma tat-Teknoloġija tas-Settur tal-Forestrija (Forest-Based Sector Technology Platform – FTP), flimkien mal-imsieħba tiegħu mill-industrija tal-polpa u l-karta kif ukoll is-sidien tal-foresti. Filwaqt li dan żgur fetaħ opportunitajiet għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-livell tal-UE, huwa evidenti li s-suċċess miksub fl-aċċettazzjoni fil-livell tal-UE ta' proġetti ta' xogħol fl-injam u tal-għamara ma tantx kien kbir s'issa, fid-dawl tal-fatt li ftit huma daww l-SMEs li għandhom ir-riżorsi meħtieġa biex jipparteċipaw.

7.2 Il-programmi ta' kooperazzjoni tal-UE bħall-ERA-NETs urew li kienu mfassla aħjar biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-SMEs, u fetħu wkoll opportunitajiet speċifiċi għall-kumpaniji mis-settur.

7.3 Għalhekk, sabiex l-industrija tax-xogħol fl-injam u tal-għamara fl-Ewropa jibbenefikaw minn appoġġ aqwa għar-riċerka u l-iżvilupp, il-programmi futuri tal-UE f'dan il-qasam se jkollhom jikkunsidraw b'mod partikolari l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs, bil-għan li jffacilitaw l-aċċess għall-programmi u jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kuljum tal-kumpaniji.

7.4 Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jikkunsidraw sewwa dawn l-osservazzjonijiet, anke fid-dawl tal-konsultazzjoni pubblika li għaddeja bħalissa dwar il-Green Paper dwar Qafas Strateġiku Komuni għall-Finanzjament Futur tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, il-KESE jhegġegħ l-istituzzjonijiet Ewropej jeżaminaw l-inizjattivi biex l-iżvilupp tal-innovazzjoni mhux teknoloġika jingħata spinta.

7.5 L-innovazzjoni tiżviluppa b'mod organiku; mhijiex xi ħaġa li tista' tinħoloq fuq talba. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej jistgħu jappoġġjaw il-proċess tal-innovazzjoni billi jipprovdu l-kundizzjonijiet qafas li permezz tagħhom ikun vallapena li l-kumpaniji jinvestu l-ħin u l-flus fil-futur tagħhom.

7.6 Il-politika Ewropea fil-qasam tal-materja prima ffukat fuq materja kritika, pjuttost milli fuq materja prima oħra bħall-injam jew il-karta riċiklata. Bil-għan li tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas evidenti fil-politika tal-KE, il-KESE jitlob li l-injam jiġi inkluż, bħala materja prima prinċipali, fis-Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea dwar il-materja prima, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-KE dwar il-materja prima.

8. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-falsifikazzjoni tal-prodotti

8.1 Il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu prijorità bil-għan li jiġi żgurat li l-UE

tkompli tikkompeti fl-ekonomija globali minkejja ż-żieda fil-falsifikazzjoni u l-piraterija f'haġna setturi fil-livell internazzjonali. Il-KESE jenfazizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-privattiva Ewropea fil-qasam tal-istandards.

8.2 Il-KESE jfakkar fil-bżonn ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-industrija u l-istituzzjonijiet tal-gvern (fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali) fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni. Dan huwa vitali biex jiġi pprovdut appoġġ aħjar lit-taħriġ għall-uffiċjali tal-gvern u tad-dwana, kif ukoll bil-għan li jiġu sensibilizzati l-konsumaturi. L-iżvilupp ta' teknoloġiji biex tiġi ffaċilitata l-awtentikazzjoni tal-prodotti ġenwini minn daww foloz għandu wkoll jgħin b'mod sostanzjali. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tieħu azzjoni biex issaħħaħ il-kapaċità tad-dwana nazzjonali fil-ġlieda kontra l-kummerċ ta' prodotti ffalsifikati.

8.3 L-inizjattiva Taljana tal-"Jum Nazzjonali Kontra l-Falsifikazzjoni", li ġiet organizzata s-sena li għaddejt f'Ruma u f'diversi bliet Taljani oħra minn Confindustria, hija eżempju ta' Prattika tajba. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jorganizzaw avveniment simili fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali.

8.4 Prodotti tal-għamara ffalsifikati jstgħu jkun ta' ħsara għas-saħħa jew saħansitra jpoġġu l-ħajja tal-bniedem fil-periklu tal-mewt. Għalhekk, bil-għan li jissaħħu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u jiġu miġġielda l-prodotti ffalsifikati, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea toħloq "skeda tal-prodott" għall-prodotti tal-għamara. Din għandha tingħata flimkien mal-prodott mixtri, bil-għan li tiġi żgurata t-trasparenza meħtieġa fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-produtturi, in-negozjanti u l-konsumaturi. Il-prodotti tal-għamara mqiegħda fis-suq Ewropew għandhom jipprovdu tal-inqas din l-informazzjoni: l-isem legali jew it-Tariffa Doganali Komuni tal-prodott; l-isem kummerċjali tal-produttur jew l-importatur; l-oriġini tal-prodott; l-preżenza ta' kwalunkwe materjal jew sustanza li tista' tagħmel ħsara lill-bniedem jew lill-ambjent; informazzjoni dwar il-materjali u l-metodi ta' produzzjoni użati jekk dawn ikunu importanti għall-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott; u l-istruzzjonijiet għall-użu.

8.5 Il-Kumitat jirrikonoxxi li hemm ħtieġa ġenwina li jiġi appoġġjat is-settur tal-għamara u tax-xogħol fl-injam permezz ta' riformi ekonomiċi maħsuba biex iħeġġu l-promozzjoni internazzjonali tal-prodotti internazzjonali u jiżguraw kompetizzjoni ġusta. L-UE għandha wkoll thegġegħ l-ekonomiji emerġenti biex jirrifirmaw is-sistemi nazzjonali tagħhom sabiex jeliminaw l-inefficienza burokratika jew jikkumpensaw l-iżbilanċi regolatorji jew burokratiċi li jista' jkun hemm permezz tat-tariffi. Il-qafas legali jista' wkoll jitjieb biex jinħoloq qafas regolatorju ċar għall-kumpaniji Ewropej li jixtiequ jinvestu fi swieq terzi.

Brussell, 26 ta' Ottubru 2011.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON